V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9389 — Porsche Holding Salzburg/SIVA/Soauto)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 217/08)

1. Fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Porsche Holding Gesellschaft m.b.H. ("Porsche Holding Salzburg", l-Awstrija), sussidjarja indiretta tal-Volkswagen AG u part mill-Volkswagen Group ("VW Group"),

— SIVA — Sociedade de Importação de Veículos Automóveis, S.A. ("SIVA", il-Portugall),

— Soauto — SGPS, S.A. ("Soauto", il-Portugall).

Porsche Holding Salzburg yakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' SIVA u Soauto kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Porsche Holding Salzburg: id-distribuzzjoni bl-ingrossa u lill-ħwienet ta' karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief u parts relatati kif ukoll servizzi ta' tiswija f'pajjiżi Ewropej u mhux Ewropej; Il-VW Group huwa attiv madwar id-dinja fl-iżvilupp, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief, trakkijiet, karozzi tal-linja, coaches, xażi għall-karozzi tal-linja u magni diżil, muturi, kull settur jinkludi spare parts u aċċessorji, u fid-distribuzzjoni tal-vetturi,

— SIVA: importatur ġenerali tal-biċċa l-kbira tal-marki tal-VW Group fil-Portugall,

— Soauto: bejjiegħ ta' vetturi u spare parts tal-marki tal-VW Group u fornitur ta' servizzi relatati ta' tiswija u manutenzjoni tal-karozzi fil-Portugall.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9389 — Porsche Holding Salzburg/SIVA/Soauto

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 229-64301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË